MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Numru 1/2000

**Artikolu 8 tal-GN 292/1939 disposizzjoni 4 u 6 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**

**Spettur Neville Aquilina**
**Spettur Sandro Gatt**
**V**

**OTIS CASSAR**
**EMANUEL CASSAR**

**Seduta ta' llum 28 ta' Ottubru, 2002**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **OTIS CASSAR** ta’ sebgha w ghoxrin sena, bin Joseph u Rose nee Galea, imwieled Valletta nhar l-erbgha ta' Settembru, 1972 u joqghod Block D, Triq il-Ward, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 377172M u **EMANUEL CASSAR** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Joseph u Rose nee Galea, imwieled Pieta nhar l-

erbgha ta' Ottubru, 1974 u joqghod 17, Flat 3, Triq il-Bjar, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 497674M, gew mressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fis-sitta ta' Jannar, 2000 u f'dawn l-ahhar tnax il-xahar qabel din d-data;

a. Kellhom fil-pussess taghhom d-droga eroina specikfikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanufatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu eskluzziv taghhom.

b. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, kellhom fil-pussess taghhom d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanufatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja tal- President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur

tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. Tallli **OTIS CASSAR** b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti li saru definittivi.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-fiat tal-Avukat Generali datat sebgha ta' Jannar, 2000 esibit a fol sitta u sebgha tal-atti sabiex jigu nizjati l-proceduri odjerni u l-kontr'ordni mahrug mill-Avukat Generali bis-sahha tal-artikolu 22(2) u l-alrtikolu 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet il-provi prodotta mill-Prosekuzzjoni u l-provi tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sbatax ta' Jannar, 2000 **xehed l-Ispettur Sandro Gatt** fejn stqarr li hu kien rcieva informazzjoni nhar s-sitta ta' Jannar 2000, minghand Lilian Borg li hija l-gharusa li kellu Otis Cassar, li fi Block D, Flt 15, Triq il-Ward, Haz Zabbar, certu Otis Cassar kien fil-pussess tad-droga eroina. Illi huwa ghalhekk ordna li ssir *search* dak il-hin stess f'dan il-fond indikat lilu. Dan ix-xhud stqarr li meta l-pulizija dahlu fil-fond indikat lilha, sabu liz-zewg imputati fil-presenza ta' Lilian Borg u xi oggetti wzati in konnessjoni mad-droga billi nstabu xi magazine b'xi folji mqattghin, foil mahruq, sikkina b'xi tracci suspettata bhala eroina kif wkoll lazz taz-zraben. L-imputati damu ma fethu l-bieb u ghalhekk il-Pulizija kellha suspett li setghet intremiet xi borza b'xi sustanza llegali mill-gallarija ghal isfel.

Fil-fatt, go gjardina ezattament taht t-tieqa tas-salott tal-fond fejn kienet qed ssir s-*search*, instabet borza tal-plastic b'xi sustanza f'dak l-istadju, suspettata droga.

Illi Lilian Borg giet mitkellma dak l-hin stess mill-Ispetttur Sandro Gatt fil-presenza ta' WPC 102 Ruth Magro u din Lilian Borg ikkonfermat li l-imputat Otis Cassar kien ilu jabbuza mid-droga eroina permezz ta' labar u li kellu

borza tad-droga u li kien qal lil huh Emanuel biex jarmiha jew jifflaxxjha. Qalet wkoll, li sahansitra Otis Cassar kien jabbuza mid-droga fil-presenza tat-tfal. Meta giet mistoqsija dwar Emanuel Cassar, Lilian Borg wiegbet li dak l-hin huwa ma kienx qed jiehu d-droga.

Illi l-Ispettur Sandro Gatt kellem lil imputat Emanuel Cassar u fil-fatt esibit fl-atti hemm stqarrija tieghu datata sitta ta' Jannar, 2000 markata bhala dokument SG 1 u minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li l-imputat ammetta li huwa *drug abuser* u dan fl-ahhar sitt xhur jew sebgha qabel s-sitta ta' Jannar, 2000 billi kien jittaqqab.

Minn ezami tal-istqarrija ta' Otis Cassar esibita f'dawn l-atti a fol 39 markata bhala dokument SG 2, jirrizulta li Otis Cassar ammetta li nhar s-sitta ta' Jannar, 2000 huwa kien jabbuza mid-droga eroina bis-siringa. Ammetta wkoll li kien qabad borza bl-eroina u tefghaha 'l barra mill-gallarija meta l-Pulziija habbtu mal-bieb tal-appartament tieghu u fil-fatt ammetta li kienet l-istess borza li l-Pulizija kienet sabet barra fit-triq. Huwa kkonferma wkoll li l-oggetti li nsabu fuq il-mejda u cioe s-sikkina u l-foil, kien uzhom in konnessjoni mad-droga ftit qabel ma waslu l-Pulizija. Huwa stqarr li kien xtara tnax il-qartas ghal prezz ta' mitejn u hamsin lira maltin, himstax il-jum qabel ma rrilaxxja l-istqarrija. Qal wkoll li fil-fatt kien ilu jiehu d-droga xi tnax il-sena. Huwa cahad b'mod kategoriku li qatt biegh d-droga.

Illli ghalhekk minn ezami ta' dawn z-zewg stqarrijiet, jirrizulta bic-car li l-imputati ammettew li kienu fil-pussess tad-droga; fil-konfront ta' Emanuel Cassar ghal perjodu ta' sitt xhur jew sebgha qabel s-sitta ta' Jannar, 2000 fuq ammissjoni tieghu stess u fil-konfront ta' Otis Cassar, dakinhar tas-sitta ta' Jannar, 2000 u fix-xhur precedenti u dan wkoll fuq ammissjoni tieghu stess.

**Lilian Borg ikkonfermat viva voce l-Qorti fis-seduta tas-sbatax ta' Jannar, 2000** li dakinhar tas-sitta ta' Jannar, 2000 hija rat liz-zewg imputati jiehdu d-droga fl-appartament ta' Otis Cassar. Anzi qalet li fil-konfront ta' Otis Cassar kien jiehu d-droga eroina kuljum tul il-perjodu

ta' xahrejn qabel. Dwar Emanuel Cassar qalet wkoll li kien imur jiehu d-droga ma Otis Cassar kull tant zmien pero mhux kuljum.

Illi l-Ufficjali tal-Pulizija kollha kkonfermaw il-partecipazzjoni taghhom fis-*search* in kwistjoni u dwar il-borza b'sustanza illegali dakinhar tas-sitta ta' Jannar, 2000, liema sustanza irrizultat posittiva ghal presenza tad-droga eroina mill-ezamijiet li ghamel l-espert nominat mill-Qorti l-Ispizjar Mario Mifsud.

Dwar l-akkuza ta' recidiva l-imputati Emanuel Cassar u Otis Cassar, b'verbal registrat fl-atti kienu ezentaw lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq provi sabiex tipprova din l-akkuza fil-konfront taghhom peress li huma qablu li f'kaz ta' htija, ghandhom jigu trattati bhala recidivi.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li ma hemmx dubbju li t-tieni w t-tielet akkuza jirrizultaw pprovati b'mod sodisfacenti.

Dwar l-ewwel akkuza il-Qorti thoss li l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kienu daqsxejn debboli.

Il-Prosekuzzjoni rrilevat li l-ammont ta' droga misjuba kienet indikattiva li ma kientx ghal uzu esklussiv taghhom.

Qabel xejn il-Qorti tirrileva li d-droga misjuba kienet ta' Otis Cassar fuq ammissjoni tieghu stess, ghalhekk Emanuel Cassar ma kellu x'jaqsam xejn maghha. Illi l-ammont ta' tnax il-gramma f'cirkostanzi fejn huwa kien jiehu d-droga kuljum, kif del resto kkonfermat Lilian Borg, ma hiex ammont daqstant kbir. Lilian Borg ma qalitx li rat lil Otis Cassar jbiegh d-droga, qalet biss li gieli rat zewg minn nies jkellmu lil Otis Cassar. Mistoqsija minn kienu dawn in-nies, Lilian Borg wiegbet li ma kienetx taf. Qalet wkoll li dak li kienu jghidu bejniethom fis-salott ma tafhux peress li ma kienetx toqghod hdejhom. Qalet pero li qabel ma kienu jigu, kien idoqq il-mobile, ghalkemm ma setghetx tikkonferma li kienu l-istess nies li kienu jcemplu.

B'din il-prova il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzzjoni, sal-grad rikjest mill-ligi, li Otis Cassar kien jghaddilhom d-droga ghaliex effettivament setgha kien il-kaz oppost, li kien hu li kien qed jixtri d-droga. Illi kieku Lilian Borg kienet taf xi haga oltre, zgur li kienet tikxef fic-cirkostanzi li kienet meta cemplet lil Pulizija u sussegwentement xehdet viva voce l-Qorti fis-seduta tas-sbatax ta' Jannar, 2000.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti din l-ewwel akkuza ma tirrizultax ppruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti u ghalhekk qed tillibera liz-zewg imputati minn din l-akkuza.

Dwar il-piena il-Qorti semghet lil Probation Officer Marietta Lanzon tixhed f'diversi okkazzjonijiet u ezaminat bir-reqqa kollha r-rapport taghha esibit bhala dokument MC 1 a fol 180 et seq tal-atti odjerni.

Illi fil-fehma taghha z-zmien li l-imputat Otis Cassar ghamel fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin kien bizzejjed biex jifhem li ghandu problemi kbar u jibda jahdem fuqhom sabiex jbiddel hajtu ghalkemm kien qed isib diffikulta sabiex jirrintegra ruhu fis-socjeta. Illi skond l-ahhar xhieda taghha tad-disgha ta' Novembru, 2001, jidher li l-ahhar rizultat *at random* tal-*urine tests* li kienu qed jittehdu tul medda ta' zmien, bdew jaghtu rizultat negattiv ghal presenza ta' droga u li sa fl-ahhar l-awtoritajiet kienu qed jistennew li tinqata din il-kawza biex l-imputat Otis Cassar jibda programm residenzjali. Infatti l-Probation Officer qalet li ghaliha l-imputat ghamel progress kbir f'hajtu.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-fedina penali taz-zewg imputati u rat li dik fil-konfront ta' Otis Cassar ma hi xejn aktar minn ktieb bi tlieta w ghoxrin conviction registrati fuqha mis-sena 1988 sas-sena 2000 b'reati konnessi ma serq, abbuz ta' droga, hsara voluntarja u ricettazzjoni, filwaqt li dik ta' Emanuel Cassar ghandha sebgha convictions registrati fuqha mill-1990 sas-sena 2000, b'reati konnessi mal-abbuz ta' droga, serq u hsara voluntarja.

Illi ghalhekk il-Qorti ma thossx li tista tiskarta tali dokumentazzjoni meta tigi biex tappliika l-piena,

ghalkemm thoss li piena karcerarja fid-dawl ta' dak li gie rilevat mill-Probation Officer, mhux il-piena idoneja.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment u cioe d-disposizzjonijiet 4 u 6 tal-GN 292/1939, kif emendati bl-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddecidi billi tikkundanna lil imputat EMANUEL CASSAR ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin, liema multa hija pagabbli f'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin lira maltin b'dan li l-ewwel pagament dovut sa mhux aktar tard mill-hmistax ta' Novembru, 2002 u fin-nuqqas ta' pagament wiehed, il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija.**

**Fil-konfront tal-imputat OTIS CASSAR, tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira maltin pagabbli b'rati mensili u konsekuttivi ta' erbghin lira maltin bl-ahhar zewg pagamenti jkunu ta' sitta w tletin lira maltin liema multa ghandha tibda tithallas sa mhux aktar tard mill-hmistax ta' Novembru, 2002.**

**In oltre, tpoggi liz-zewg imputati OTIS CASSAR u EMANUEL CASSAR ghal prejodu massimu permess mill-ligi ta' tlett snin taht ordni ta' probation u ghal dan l-ghan, qed tinnomina lil Probation Officer Marietta Lanzon.**

**L-imputati ghandhom jobdu l-ordnijiet moghtija lilhom mill-istess Probation Officer Marietta Lanzon l-hin kollu u jsegwu l-kundizzjonijiet moghtija lilhom minnha u fin-nuqqas, il-Qorti tesigi li tkun infurmata minnufih.**

**Il-probationer Otis Cassar ghandu wkoll jobbliga ruhu li jidhol f'programm residenzjali ghad-disintossifikazzjoni tieghu appena possibbli.**

**Il-Probation Officer Marietta Lanzon ghandha tirrelata lura lil din il-Qorti bil-miktub darba kull sitt xhur dwar l-andament tal-imputati probationers.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lil Probation Officer Marietta Lanzon.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**